**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 430 tat-22 ta' Frar 2021 fuq talba mill-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi dwar talbiet għal informazzjoni addizzjonali**

Fil-Laqgħa Nru 78 tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi tas-17 ta' Frar 2021, waqt li l-Kumitat kien qiegħed ikompli jeżamina r-Rapport tal-Awditur Ġenerali *An Investigation of Matters Relating to the Contracts awarded to Electrogas Malta Ltd by Enemalta Corporation*, l-Onor. Alex Muscat ippropona li l-Kumitat jitlob lis-Sedja tagħti *ruling* dwar punt li nqala' waqt l-istess laqgħa. Wara li t-talba tal-Onor. Muscat tqiegħdet għall-vot, il-Kumitat ivvota favur li s-Sedja tintalab tiddelibera fuq il-punt li se jiġi spjegat bl-estratti mit-traskrizzjoni tal-laqgħa li qed issir referenza għalihom hawn taħt, u nikkwota:

> "**ONOR. RYAN CALLUS:** Nixtieq nagħmel talba formali f'isem l-Oppożizzjoni biex apparti l-affarijiet l-oħrajn li tlabniekom, fosthom l-istudju tal-*interconnector* kif varja fix-xhur ta' wara li investigajtu intom, xtaqt nitlob ukoll lista tax-*shipments* li saru mill-vapur tal-LNG, kemm-il darba ġie LNG ieħor, *floating storage unit*, biex mela dak li hemm illum f'Malta, id-data ta' kull trasferiment li sar, il-volum li sar u l-prezz li tħallas għal dak il-volum minn mindu bdiet topera l-Electrogas sal-ġurnata li fihom intom tagħtuna l-informazzjoni."

Wara li saret din it-talba għall-informazzjoni mill-Onor. Ryan Callus, wara li ġie mogħti permess miċ-Chairperson, l-istess Chairperson qal:

> "**IĊ-CHAIRPERSON:** Qed nifhem li qabel ikompli jixhed ix-xhud hawn l-Onor. Callus li xtaq jagħmel xi mistoqsijiet lill-Awditur Ġenerali jew lir-rappreżentant tiegħu."

L-Awditur Ġenerali, is-Sur Charles Deguara, wieġeb:

> "**IS-SUR CHARLES DEGUARA:** Ovvjament aħna qegħdin hawnhekk biex nagħtu servizz lill-Public Accounts Committee. Din dejjem għednieha però *just* biex ngħidha hawnhekk, din l-informazzjoni rridu nġibuha mill-Enemalta għax m'għandna xejn. Aħna se mmorru għand l-Enemalta u nitolbuha tagħtina din l-informazzjoni."

B'reazzjoni għal dak li qal l-Awditur Ġenerali, iċ-Chairperson qal:

> "**IĊ-CHAIRPERSON:** Għandna lilkom bħala għodda wkoll f'idejna biex din l-informazzjoni li tintalab tkun qed tiġi *compiled* fil-proċess ta' dan l-eżami. Naħseb li huwa propizju għax intom diġà bdejtu dan il-proċess u naħseb li kollox jikkombina ma' xulxin."

Għal dan, l-Awditur Ġenerali wieġeb illi:

> "**IS-SUR CHARLES DEGUARA:** Din qatt ma kienet parti mill-mansjoni tal-*audit* tagħna."

Is-Sedja tinnota li r-raġuni għalfejn intalab ir-*ruling*, joħroġ proprju minn dak li qal l-Onor. Glenn Bedingfield u nikkwota:

"**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** *Caso mai* dawn is-sinjuri mhumiex l-iskrivani ta' dan il-Kumitat. Jekk is-sinjuri jridu jmorru għand l-Enemalta biex iġibu din l-informazzjoni, jista' jkollna hawnhekk l-uffiċjali tal-Enemalta u nistaqsuhom."

Għal din ir-reazzjoni tal-Onor. Glenn Bedingfield, l-Onor. Karol Aquilina qal:

"**ONOR. KAROL AQUILINA:** Jekk tippermettili, jien ma tkellimtx meta kont qed titkellem inti. L-Awditur Ġenerali huwa uffiċjal ta' dan il-Parlament u jaqdi rwol kostituzzjonali taħt dan il-Parlament. Allura huwa ovvju li meta l-Awditur Ġenerali jagħmel rapport u jiġi quddiem dan il-Kumitat, dan il-Kumitat irid ikun fil-pożizzjoni mhux biss li jara r-rapport sħiħ imma li jiflih u li jitlob *supporting documentation*. Dan huwa ovvju inkella ma nkunux qed nagħmlu r-rwol kif suppost. Jien ma nara xejn ħażin li ladarba l-Awditur Ġenerali jiġi mitlub, jekk jista' jitlob lill-Enemalta u jipprovdiha biex dan il-Kumitat ikun jista' jwettaq ir-rwol tiegħu abbażi ta' informazzjoni vera mhux xi smajt jew x'seta' qal ħaddieħor, imma li tkun ġejja mhux minn xi ħadd privat. L-Enemalta mhijiex entità privata. L-Enemalta hija entità pubblika u allura hemm dak l-obbligu li tipprovdi l-informazzjoni."

Għal dan li qal l-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. Glenn Bedingfield irreaġixxa u qal:

"**ONOR. GLENN BEDINGFIELD**: Jien jidhirli illi kieku l-Awditur kellu għalfejn jiġbor din l-informazzjoni meta kien qed jagħmel analiżi jew investigazzjoni tal-kuntratt, kien jitolbha hu. Ġaladarba l-Awditur ma ħassx li kellu jinkludi din it-talba fl-investigazzjoni tiegħu jfisser li ma kinitx tagħmel parti mill-għan li għalih kien qed jinvestiga. (Interruzzjonijiet) Jekk se nirriduċu uffiċjal tal-Parlament bħala skrivan ta' dan il-Kumitat biex jiġbor l-informazzjoni, ma nkunux qed nirrispettaw l-istituzzjoni tal-Awditur Ġenerali."

L-Onor. Ryan Callus irrimarka:

"**ONOR. RYAN CALLUS:** Sur President, jien sorpriż kif in-naħa tal-Gvern aċċettat, u aħna qbilna magħhom, li nitolbu lill-Enemalta informazzjoni żejda fuq l-*interconnector* però xi ħaġa bħal din, li bir-rispett kollu, fiċ-ċirkostanza…"

Is-Sedja kompliet tara t-traskrizzjoni tal-partijiet saljenti dwar il-kwestjoni ta' proċedura li qamet, li wasslu sabiex is-Sedja tintalab tagħti *ruling* dwar informazzjoni li talab l-Onor. Ryan Callus, u nkompli nikkwota:

"**ONOR. GLENN BEIDNGFIELD:** Għalhekk jien qed ngħid li se jkun hawn in-nies tal-Enemalta! Dik hija informazzjoni li, kif qal l-Awditur stess, irid iġib mingħand l-Enemalta, u staqsu lil Enemalta."

Iċ-Chairperson hawnhekk qal:

"**IĊ-CHAIRPERSON:** Onor. Bedingfield, dak li talab l-Onor. Ryan Callus jinkwadra fir-rapport li għandna quddiemna, bħalma jinkwadra fir-rapport li għandna quddiemna l-*unit price* li qed inħallsu għal kull *unit* bl-*interconnector*, li huwa parti sostanzjali mir-rapport. Dan ir-rapport, kif tafu tajjeb – m'għandix dubju li qrajtuh kif qrajnieh aħna – hemm parti sostanzjali minnu li hija dedikata għad-deċiżjoni li ttieħdet biex immorru għall-gass…"

L-Onor. Alex Muscat imbagħad talab liċ-Chairperson tal-Kumitat hekk:

> "**ONOR. ALEX MUSCAT:** Il-Parlament talab lill-Awditur biex jagħmel stħarriġ u f'din l-investigazzjoni, li damet ix-xhur għaddejja, għamel biċċa xogħol, fl-opinjoni tiegħi, dettaljata immens. Suppost iż-żewġ partiti għandna fiduċja fl-Awditur u fl-Uffiċċju tiegħu, li ġabru din l-informazzjoni u llum qegħdin nixtarru dak li ħareġ minn dan ir-rapport."

Iċ-Chairperson imbagħad irreaġixxa għal dak li qal l-Onor. Alex Muscat, fejn qal:

> "**IĊ-CHAIRPERSON:** Imma l-funzjoni tagħna mhijiex biss li nixtarru. Aħna rridu nelaboraw, nesploraw u niskopru aktar."

L-Onor. Alex Muscat wieġeb iċ-Chairperson hekk:

> **"ONOR. ALEX MUSCAT:** Jiġifieri intom qed titolbu lill-Awditur biex ikun l-intermedjarju ta' dan il-Kumitat u jmur iġib informazzjoni li nistgħu nitolbu aħna direttament lill-Enemalta?"

Iċ-Chairperson wieġeb lill-Onor. Alex Muscat u qallu:

> "**IĊ-CHAIRPERSON:** Aħna qegħdin nitolbu informazzjoni *tramite* l-Awditur li tikkumplimenta dan ir-rapport. Nerġa' nfakkar li dan il-Kumitat qabel li jilqa' t-talba tal-Gvern biex l-Awditur jagħmel eżerċizzju estiż u komparattiv bejn il-*unit price* tal-*interconnector* u l-Enemalta sal-aħħar tas-sena li għaddiet. Dan l-argument kollu diġà għamilnieh u ssorvolajnieh f'dak l-istadju."

Hawnhekk imbagħad l-Awditur Ġenerali rreaġixxa u qal hekk:

> "**IS-SUR CHARLES DEGUARA:** Ma kinitx taqa' taħt it-*terms of reference* li ngħatajna. Dik l-iżjed importanti. Jien bdejt bl-i*statement* li aħna qegħdin hawn biex nagħtukom servizz. Jien ilni nattendi dan il-Kumitat iżjed minn 12-il sena u mhux hekk jaħdem il-Kumitat is-soltu. Imma jekk triduna nġibu l-informazzjoni, inġibuha."

Hawnhekk imbagħad id-Deputat Awditur Ġenerali, is-Sur Noel Camilleri, qal:

> "**IS-SUR NOEL CAMILLERI***:* Jien xtaqt nagħmel distinzjoni bejn xi ħaġa li l-Awditur se jipproċessa u xi ħaġa li se joħroġ. Il-mistoqsijiet kollha li kien hemm qabel kienu jew kjarifiki jew biex aħna nagħmlu xi ħaġa biex naslu għal xi ħaġa. Hemm *input* u hemm *added value*. Onestament biex inġibu karta li teżisti xi mkien u nġibuha aħna, *I don't see any added value.*"

Hawnhekk l-Onor. Glenn Bedingfield qabel ma' dak li kienu qegħdin jgħidu l-Awditur Ġenerali u d-Deputat Awditur Ġenerali, u nikkwota:

> "**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Mhux hekk! Mela intom skrivani tagħna? Inti għedt li s-soltu l-Kumitat ma jaħdimx hekk. Tista' tispjegalna kif jaħdem is-soltu l-Kumitat?"

Għal din il-mistoqsija l-Awditur Ġenerali wieġeb:

> "**IS-SUR CHARLES DEGUARA:** Il-Kumitat għandu s-saħħa u l-poter li jibgħat għal kull uffiċjal pubbliku involut u dak l-uffiċjal jagħtiha hu l-informazzjoni. Hawnhekk dejjem hekk ħdimt. Forsi l-Kumitat se jibdel is-sistema, imma mhux hekk konna naħdmu."

Kien hawnhekk li l-Onor. Glenn Bedingfield reġa' rreaġixxa għal dak li qal l-Awditur Ġenerali, fejn qal:

> "**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Aħna ma naqblux li għandha tinbidel is-sistema u nibqgħu ninsistu li l-Awditur mhuwiex skrivan ta' dan il-Kumitat, imma huwa uffiċjal ta' dan il-Parlament. (Interruzzjonijiet) Inti lanqas skrivan imma messaġġier trid iġġibu!"

Hawn l-Onor. Karol Aquilina qal:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** Onor. Bedingfield, x'inhi l-biża' li jkun hawn din l-informazzjoni?"

L-Onor. Bedingfield wieġeb li m'hemm l-ebda biża' u kompla jgħid:

> "**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** L-Ordni Permanenti 120E jirrigwarda x'jista' jagħmel dan il-Kumitat, fejn jitkellem dwar x'għandu jinvestiga u x'ma għandux jinvestiga. L-Awditur Ġenerali għadu kif qallek hawnhekk li mhijiex il-prassi li jservi ta' messaġġier."

L-Onor. Bedingfield qal ukoll:

> "**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** … imma qal li mhijiex il-prassi li jintalab li jagħmel dan ix-xogħol."

L-Awditur Ġenerali wieġeb illi:

> "**IS-SUR CHARLES DEGUARA:** Il-proċedura dejjem kienet li l-Public Accounts Committee jitlob lill-entità kkonċernata biex tagħtih dik l-informazzjoni kif inhi dovuta."

Għal dan l-Onor. Glenn Bedingfield rrimarka:

> "**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Aħna qed naqblu mal-Awditur.",

fejn l-Awditur wieġeb mill-ewwel:

> "**IS-SUR CHARLES DEGUARA:** Issa jekk ma tridux iġġibu l-informazzjoni intom, inġibuha."

Hawnhekk iċ-Chairperson qal:

> "**IĊ-CHAIRPERSON:** L-Awditur mhux qed jgħid li nkisret xi *Standing Order*."

L-Onor. Glenn Bedingfield imbagħad wieġeb:

> "**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Jien xorta qed nitlob *ruling* mingħand l-Ispeaker dwar din il-proċedura."

Iċ-Chairperson wieġeb:

> "**IĊ-CHAIRPERSON:** Il-laqgħa hija sospiża sakemm ikollna r-*ruling* mingħand l-Ispeaker. Qed nifhem li hawn talba għal *ruling* mingħand l-Ispeaker dwar din il-materja. Allura qed nitlob lis-Segretarja ta' dan il-Kumitat biex tikkomunika ...",

u hawnhekk l-Onor. Glenn Bedingfield qal:

> "**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Sur President, aħna m'għandna xejn kontra li toħroġ l-informazzjoni imma fuq il-proċedura ta' kif qed toħroġ. Ma nistgħux nirriduċu lill-Awditur Ġenerali għal messaġġier ta' dan il-Kumitat. Jien qed ngħid għandha ssir talba lill-Enemalta."

Iċ-Chairperson hawnhekk wieġeb:

> "**IĊ-CHAIRPERSON:** Onor. Bedingfield, inti taf ben tajjeb illi l-Awditur Ġenerali mhuwiex messaġġier. L-Awditur Ġenerali huwa uffiċċju li jikkoopera b'mod brillanti ma' dan il-Kumitat. Inti taf ben tajjeb ukoll li numru ta' seduti ilu saret talba simili minnkom u probabbilment kienet aktar ikkumplikata għax intom tlabtu analiżi komparattiva, mentri hawnhekk kulma qed tintalab sempliċement informazzjoni. Intom tlabtu xi ħaġa mingħand l-Awditur li hija ħafna aktar komplessa li ma jistax jasal għal konklużjoni dwarha."

L-Onor. Glenn Bedingfield irreaġixxa għal dan u qal:

> "**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Nixtieq li nistabbilixxu proċedura mhux ikollna l-Awditur u noqogħdu ngħidulu: Ġibli dik, agħtini dik, u ġibli l-oħra! Dak li qed nipproponi jien huwa li nistabbilixxu proċedura skont kif dejjem mexa dan il-Kumitat, kif qal l-istess Awditur Ġenerali."

Hawnhekk imbagħad kien hemm ir-reazzjoni tal-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, li qal:

> "**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Se nirrepeti dak li fhimt li qal is-Sur Camilleri ftit tal-ħin ilu. Is-Sur Camilleri għamel osservazzjoni fejn qal li jara differenza bejn li tintalab informazzjoni minn entità u tinġieb hawnhekk u daqshekk – f'dak il-każ l-entità inkwistjoni tagħmlilha t-talba meta jiġu jixhdu – għal jekk tinġabar informazzjoni biex isir xi forma ta' proċessar mill-uffiċċju tiegħu, biex dak il-proċess jiġi hawnhekk.
>
> Il-mistoqsija li qed nifhem li għamel l-Onor. Callus hi tal-ewwel tip, li qed jgħid lill-Awditur: Mur sibli dik l-informazzjoni u ġibhieli. Jekk intalbet informazzjoni oħra biex imbagħad issir analiżi, hemmhekk taqa' fil-mansjonijiet ta' dak li għandu jagħmel l-Uffiċċju tal-Awditur għaliex se jagħmel forma ta' analiżi. Qed inqajjem dan il-punt biex nara jekk fhimtx tajjeb lis-Sur Camilleri u t-tieni, għaliex qed nifhem li l-proċedura

hija stabbilita b'tali mod li tagħmel din id-distinzjoni biex ikun hemm l-intervent tal-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali. Qed nagħmel din l-osservazzjoni u nixtieq li s-Sur Camilleri jikkonferma jekk fhimtux tajjeb jew le."

Hawnhekk id-Deputat Awditur Ġenerali, is-Sur Noel Camilleri, wieġeb hekk:

"**IS-SUR NOEL CAMILLERI:** Onor. Zrinzo Azzopardi, nikkonferma dak li għedt. Il-fatt hu li jkollna l-Uffiċċju tal-Awditur li qed jagħmel xi ħaġa għaliex ikun qed jagħmel analiżi, u qed jipproċessa d-*data* biex jgħaddiha biex ikun jista' jgħin lil dan il-Kumitat. Kif qal l-Awditur Ġenerali, ovvjament aħna m'għandna l-ebda oġġezzjoni li ngħidu lill-entità biex tagħtina l-informazzjoni, imma *we would just be a vehicle*."

Hawnhekk l-Onor. Ryan Callus indirizza liċ-Chairperson u nikkwota:

"**ONOR. RYAN CALLUS:** Sur President, se nirrepeti għat-tieni darba biex nifformalizza. Nitlob biex il-Kumitat jingħata mill-Awditur Ġenerali lista ta' *shipments* li saru sal-ġurnata li fiha ssir din it-talba bid-data tal-provvista, il-volum u l-prezz imħallas għal kull *shipment* separat lit-*tanker* tal-*Electrogas*."

Hawnhekk iċ-Chairperson wieġeb:

"**IĊ-CHAIRPERSON:** Qed nifhem li din hija t-talba li qed jagħmel l-Onor. Ryan Callus. Onor. Bedingfield, agħtina r-reazzjoni tiegħek għal din it-talba, imbagħad se nivvotaw fuq din it-talba."

Għaldaqstant l-Onor. Glenn Bedingfield wieġeb:

"**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Filwaqt li naqblu li din l-informazzjoni għandha tinħareġ, fuq punt ta' proċedura ma naqblux li għandha tintalab mill-Awditur Ġenerali iżda mill-entità responsabbli, f'dan il-każ l-Enemalta."

Is-Sedja tinnota li sussegwentement jidher li ntlaħaq qbil biex l-informazzjoni tintalab lill-Enemalta u nikkwota:

"**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Kif kienet il-mistoqsija tal-Onor. Callus li vvotajna fuqha?

**IS-SEGRETARJA TAL-KUMITAT:** Nitlob sabiex il-Kumitat jingħata mill-Awditur Ġenerali lista ta' *shipments* li saret sal-ġurnata li kellha ssir din it-talba, bid-data tal-provvista, il-volum u l-prezz imħallas għal kull *shipment* separat lit-*tanker* tal-Electrogas.

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ħalli nżommu wkoll l-istess domanda ...

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Flok ma ssir lil wieħed, issir lill-ieħor ..

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Tista' żżomm l-istess diċitura.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Naqblu.

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Naqblu."

Dan wassal biex tqiegħdet il-mistoqsija miċ-Chairperson tal-Kumitat:

"**IĊ-CHAIRPERSON:** Il-mistoqsija hija t-talba kif dettata mill-Onor. Ryan Callus, fejn fiha, minflok il-kelma Awditur Ġenerali, hemm il-kelma Enemalta.

**ONOR. ALEX MUSCAT:** Jekk irridu nkunu iktar preċiżi, lill-entità konċernata.

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Lill-Enemalta.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Daw kontra? *Agreed.*

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con.*"

Sussegwentement l-Onor. Muscat ressaq it-talba tiegħu għal *ruling* u nikkwota:

"**ONOR. ALEX MUSCAT:** Sur President, se nitlob li dan il-Kumitat jitlob *ruling* lill-Ispeaker fuq il-proċedura: li kull meta l-PAC jeħtieġ informazzjoni addizzjonali għal dik li tingħata lil dan l-istess Kumitat mill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali, dik l-informazzjoni għandha tintalab mhux mill-Awditur iżda mill-entità kkonċernata, kif dejjem kienet il-prassi f'dan l-istess Kumitat."

Fuq dan li qal l-Onor. Alex Muscat, l-Awditur qal:

"**IS-SUR CHARLES DEGUARA:** Jista' jkun hemm ftit *misunderstanding*. Biex inġibu ftit kunsens, sa fejn naf jien dan il-Kumitat, f'dan is-smigħ, diġà talab lill-Enemalta biex tibgħat lil dan il-Kumitat xi informazzjoni. Qed niżvija?"

Hawnhekk iċ-Chairperson qabel miegħu u qallu:

"**IĊ-CHAIRPERSON:** Hekk hu.",

u allura l-Awditur kompla jgħid:

"**IS-SUR CHARLES DEGUARA:** X'hemm ġdid? L-Enemalta diġà ntalbet madwar tliet ġimgħat ilu tibgħat informazzjoni. *This is nothing new*. Nibqgħu għaddejjin b'dik il-proċedura."

Hawnhekk iċ-Chairperson irreaġixxa u qal:

"**IĊ-CHAIRPERSON:** Però hawnhekk qed jintalab *ruling* dwar prinċipju fuq din il-materja u fuq materji oħra. Mhux problema. Qed jintalab dan ir-*ruling*. Ikun hemm ir-*ruling* u niggwidaw ruħna minn dan ir-*ruling*. M'għandix problema."

Iċ-Chairperson qal ukoll:

"**IĊ-CHAIRPERSON:** Se jintalab *ruling* mill-Ispeaker. Jien qed ngħid li f'dan l-istadju l-laqgħa hija sospiża sakemm ikollna deċiżjoni fuq din il-materja."

Dan ukoll wassal biex it-talba tal-Onor. Alex Muscat għal *ruling* titqiegħed għall-vot u nikkwota mill-aħħar parti tal-laqgħa:

> "**IĊ-CHAIRPERSON:** Ma rridx nerġgħu nagħmlu nofs siegħa niddiskutu l-argument li ilna niddiskutu. Hawn din it-talba. Il-mistoqsija hija t-talba kif imressqa mis-Segretarju Parlamentari Alex Muscat. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? (Onor. Membri: *No*) *Carried.*
>
> *Il-mozzjoni għaddiet.*"

Is-Sedja rat mill-ewwel dak li jgħidu l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra dwar il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, partikolarment il-paragrafi (d), (e) u (f) tal-artikolu 120E li jgħidu li l-istess Kumitat jista':

> "(d) jitlob lill-Awditur Ġenerali li jippreżenta memoranda dwar kull ħaġa fejn issir talba biex isir dan minn mill-anqas tliet membri tal-kumitat permanenti;
> (e) jikkonsidra memoranda ppreżentati mill-Awditur Ġenerali, li jkunu ġew ippreżentati wara li tkun saritlu talba bis-saħħa tas-subparagrafu (d) ta' dan il-paragrafu, jew fuq inizjattiva tiegħu stess;
> (f) jeżamina rapporti u dokumenti li għandhom x'jaqsmu magħhom, li jsiru mill-Awditur Ġenerali;".

Is-Sedja tinnota li l-Kumitat kien qiegħed jeżamina r-rapport li għandu x'jaqsam mal-Electrogas ippreżentat mill-Awditur Ġenerali u minkejja li kien hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet li għandha tintalab informazzjoni addizzjonali, f'mument minnhom ma kienx hemm qbil dwar kif għandha tintalab din l-informazzjoni, ċjoè jekk għandhiex tintalab lill-Awditur Ġenerali stess jew inkella lill-Enemalta. Is-Sedja tinnota wkoll li din il-kwestjoni ġiet indirizzat meta l-Membru kollha qablu b'mod unanimu li t-talba tal-Onor. Ryan Callus kellha tiġi emendata billi minflok referenza għall-Awditur Ġenerali, tidħol ir-referenza għall-Enemalta.

L-Ordni Permanenti 132, dwar is-setgħa sabiex jinġiebu xhieda, karti u dokumenti, u allura biex tinġieb l-informazzjoni u jsiru anke domandi fuq dik l-informazzjoni, jgħid hekk:

> "132. Kull kumitat permanenti u kull kumitat magħżul ikollu s-setgħa li jħarrek xhieda u li jordna li jinġiebu dokumenti u rapport quddiemu, f'dak il-ħin u post li jista' jiġi indikat fil-mandat relattiv f'dak il-post u ħin li s-seduta tal-kumitat tista' tkun aġġornata għalihom. Ix-xhieda jistgħu jkunu ordnati biex jattendu permezz ta' mandat maħruġ mill-president tal-kumitat relattiv u li jiġi ffirmat mill-iskrivan; kull ġurament meħud jew dikjarazzjoni magħmula minn xi xhud jistgħu jiġu amministrati mill-president jew mill-iskrivan li jkun hemm f'dak il-kumitat."

Huwa ċar għalhekk illi l-Kumitat għandu l-poter li jħarrek xhud tal-Enemalta biex tinġieb l-informazzjoni u anke jsiru d-domandi fuq dik l-informazzjoni. Jiġifieri l-Kumitat mhux biss għandu l-poter li jkollu l-informazzjoni imma anke li jagħmel domandi fuq l-informazzjoni, jekk ikun hemm bżonn. Għalhekk, ladarba kif qal l-istess Awditur Ġenerali, it-talba għall-informazzjoni addizzjonali inkwistjoni ma kinitx taqa' fit-*terms of reference* li l-Uffiċċju tal-Verifika ngħata fir-rapport li kien qed jiġi diskuss, il-proċedura li korrettement kien hemm qbil li tiġi segwita hija proprju dik indikata fl-Ordni Permanenti 132, liema proċedura – kif qal ukoll l-Awditur Ġenerali – dejjem ġiet segwita.

Minkejja li f'dan il-każ l-Ordnijiet Permanenti huma ċari, is-Sedja xorta ħasset li għandha, skont l-Ordni Permanenti 197, li jgħid li:

> "197. Fil-każijiet kollha li mhumiex regolati b'dawn l-Ordnijiet Permanenti, wieħed għandu jirrikorri għar-regoli, modi, użanzi u drawwiet tal-House of Commons tal-Parlament tar-Renju Unit,"

tara x'inhi l-proċedura segwita fil-House of Commons. Fid-dokument *Guide for Witnesses giving written or oral evidence to a House of Commons select committee* datat Frar 2016 joħroġ ċar dak li fil-fatt is-Sedja tindika permezz tal-Ordni Permanenti diġà ċitat, u nikkwota:

> "*Powers of committees in gathering evidence*
> *When gathering evidence, almost all select committees have a power to send for "persons, papers and records". This means that committees can insist upon the attendance of witnesses and the production of papers and other material."*

Din il-pożizzjoni hija identika għal dik li joħroġ mill-Ordni Permanenti 132 diġà ċitat. Is-Sedja tinnota li din il-proċedura fil-fatt diġa ntlaħaq qbil li tiġi segwita fis-sens li t-talba għall-informazzjoni li għamel l-Onor. Ryan Callus, għandha titressaq direttament lill-Enemalta.

Is-Sedja ħadet nota wkoll ta' dak li ntqal mid-Deputat Awditur Ġenerali u mill-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi li ġie ċitat aktar 'il fuq minn fejn ħarġet id-differenza bejn li l-Kumitat jitlob informazzjoni minn entità biex din tiġi ppreżentata lill-Kumitat f'forma ta' dokumentazzjoni jew xhieda, u bejn li l-Kumitat jitlob lill-Awditur jipproċessa u jagħmel analiżi ta' informazzjoni partikolari ta' entità.

L-Ordnijiet Permanenti kif ukoll il-prassi jistabbilixxu proċedura differenti għal meta l-Awditur jintalab janalizza xi materja partikolari u għaldaqstant, is-Sedja qed tiddeċiedi li kull meta tintalab informazzjoni addizzjonali għal dik li tkun mogħtija lil dan l-istess Kumitat mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika skont it-*terms of reference* li jkollu dan l-Uffiċċju, tali talba għandha ssir mill-Kumitat direttament lill-entità kkonċernata. Kif inhi l-prassi jekk il-Kumitat jidhirlu li jkun meħtieġ, jista' wkoll iħarrek uffiċjali tal-istess entità biex jidhru quddiem dan l-istess Kumitat u jesebixxu u jwieġbu taħt ġurament kull domanda tal-Kumitat.

Ir-*ruling* huwa deċiż.